# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 15**

**Rikors Numru 97/13 JPG**

**Richard Cuschieri**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-13 ta' Lulju 2015 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimat ghajr it-tieni eccezzjoni, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti u iddikjarat li l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja [il-Qorti tal-Magistrati], sabiex r-rikorrent jissottometti ruhu ghal ezercizzju ta' tehid ta' kampjun

tal-vuci tieghu, mhuwiex leziv ta' dritt tieghu li ma jinkriminax ruhu u ghalhekk mhux leziv ta' dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

**<u>Mertu</u>**

2. F'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qieghed jallega li gie vjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq meta l-Qorti tal-Magistrati ordnatlu sabiex jissottometti ruhu ghat-tehid tal-kampjun tal-vuci waqt l-istadju tal-kumpilazzjoni, ghaliex b'hekk l-istess Qorti tkun qeghdha ggieghelu jinkrimina ruhu.

3. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, thassarha ghall-bqija u, minflok, tilqa' t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

4. Minn naha tieghu, l-intimat jitlob lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tieghu, tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti

konsiderazzjonijiet:

"It-talba odjerna tirrigwarda lment ta' indoli kostituzzjoni – cioe' lezjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana stante, kif allegat mir-rikorrenti, l-Qorti tal-Magistrati ma setghatx tordna li r-rikorrent jigi assogettatt li jaghti kampjun tal-vuci tieghu ghaliex dan il-poter ma jiffigurax fl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 u li inoltre, bit-tehied mandatarju ta' kampjun tal-vuci, Cuschieri kien qieghed jigi mgieghel li jinkrimina ruhu.

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-Artikolu 397(1) Kapitolu 9 li jiddisposni:

> "***397. (1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, u kull ħaġ'oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox.***" (Enfasi ta' din il-Qorti)

"Din il-Qorti kif preseduta, fir-Referenza Kostituzzjonali Numru. 79/2013, **il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Nazzareno Grech**, deciza fid-9 ta' Lulju 2014 rriteniet:

> ***"mill-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kwotat, huwa evidenti li l-ligi Maltija tipermetti l-ezamijiet tal-partijiet tal-gisem tal-imputat kemm ghall-dak li jirrigwardja kampjuni intimi kif ukoll ghall-dawk mhux intimi li jkopru sintendi kampjun tal-kaligrafija moghti mill-imputat... din l-ahhar parti tal-Artikolu 397 li giet sottolinejati minn din il-Qorti, kienet intiza mill-Legislatur Malti biex tkopri dawk l-izviluppi xjentifiki u forensici li, mal-medda taz-zmien, jigu skoperti, minghajr il-htiega ta' bdil kontinwu fil-legislazzjoni. Ix-xjenza tal-kaligrafija hija wahda minn dawn l-izviluppi forensici."***

"Isegwi illi apparti l-ezamijiet u l-analizi indikati esplicitament fl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 – bhal fotografija, impronti digitali, kampjuni ta' demm/saliva, l-Qorti tal-Magistrati ghandha s-setgha moghtiija mill-ligi sabiex tordna ***"kull haga ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-pprovi tal-kaz tkun kompluta minn kollox".***

"Ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-ordini ghat-tehid ta' *voice sample* tar-rikorrenti saret skond l-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 u dan huwa zvilupp xjentifiku forensiku li huwa ammess fil-pajjizi zviluppati li jhaddnu d-demokrazija.

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk kemm-il darba t-tehid ta' *voice sample* ghall-fini tal-komparazzjoni ma telefonati rekordjati fil-pussess tal-Pulizija, jilledix dritt tar-rikorrenti li ma jinkriminax lilu nnisfu u ergo d-dritt ta' smiegh xieraq.

"Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi:

"*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f 'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

"*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

"*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

"*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

"*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

"*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

"*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

"*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

"Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

"***39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.***

"Ghar-rigward ta' uzu t'evidenza miksuba b'lezjoni ta' dritt ta' silenzju u il-privilegg li cittadin ma jinkriminax ruhu, il-Qrati Ewropew affermaw l-esistenza ta' *standards* rikonoxxuti madwar dinja demokratika li huma l-qofol ta' kuncett ta' procedura gusta taht l-Artikolu 6. Ir-*raison d'etre* ta' dawn l-*istandards* huma ankrati fil-protezzjoni tal-akkuzat kontra koerzjoni mhux flokha mill-Awtoritajiet biex b'hekk jigu eliminati l-ingustizzji.

"Id-dritt ta'cittadin li ma jinkriminax ruhu jippresupponi li l-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat minghajr l-uzu t'evidenza miksuba b'koerzjoni jew b'oppressjoni u kontra l-volonta' tal-akkuzat – Vide **Saunders vs UK** deciza fis-17 ta' Dicembru 1996' **Heaney and Mc Guinness vs Ireland** App. No. 34720/97 §51-55; **Allan vs UK** App. No 48539/59 §44; **JB vs Switzerland** App. No. 31827/96 §64.

"Il-Qrati Ewropej f'ezami li jwettqu ghad-determinazzjoni jekk il-procedura lamentata tilledix d-dritt tac-cittadin li ma jinkriminax lilu nnisfu, jikkonsidraw is-segwenti:

"i. In-Natura u s-severita' ta' koerzjoni;

"ii. L-ezistenza o meno ta' salvagwardi fil-procedura lamentata;

"iii. L-uzu intiz ghall-materja miksuba.

"Vide **Tirado Ortiz and Lozano Martin vs Spain** App. No. 43486/98 deciz fil-15 ta' Gunju 1999.

"**Ikkonsidrat:**

"Applikati dawn il-kriterji ghall-kaz in ezami, meta si tratta ta' tehid ta' *voice sample,* wiehed jifhem li n-natura u is-severita' tal-koerzjoni mehtiega, hija wahda mill-aktar minima u ma tirrikjedi ebda intervent mediku u ebda forza attiva fuq ir-rikorrenti. Xejn minn dan ma huwa kontemplat jew mistenni.

"Illi di piu' il-*voice sample* jittiehed bis-salvagwardji kollha tal-ligi u taht l-iskrutinju tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u espert indipendenti nominat ghal dan il-ghan. L-uzu tal-*voice sample* hu dirett ghal fini ta' komparazzjoni mal-kamjun tar-*recording* ta' vuci f'diversi telefonati ta' theddid ta' bombi immirati lejn il-Qrati tal-Gustizzja, li gew ricevuti minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija. In effett, dan il-*voice sample* ma jinvolviex aktar intromissjoni jew interferenza minn dak illi akkuzat jesperjenza mat-tehid t'impronti digitali .

"Fil-fatt il-Qorti Ewropea fil-kaz **Jalloh vs Germany** App. No. 54810/00 deciza fil-11 ta' Lulju 2006 rriteniet:

> "***102. The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of***

> ***DNA testing. (see Saunders, cited above, § 69; Choudhary v. the United Kingdom (dec.), no. 40084/98, 4 May 1999; J.B. v. Switzerland, cited above, § 68; and P.G. and J.H. v. the United Kingdom, cited above, § 80).***(Enfasi ta' din il-Qorti)

"In oltre fil-kaz **P.G. and J.H. vs The United Kingdom** App No. 787/98 deciza fil-25 ta'Settembru 2001 il-Qorti Ewropea affermat illi:

> ***"…the Court considers that the voice samples, which did not include any incriminating statements, may be regarded as akin to blood, hair or other physical or objective specimens used in forensic analysis and to which privilege against self-incrimination does not apply (see Saunders, cited above, pp. 2064-65, § 69)."***

"Illi r-rikorrenti ma ressaq lanqas xrara t'evidenza li turi, anke b'xi mod remot, illi r-rikorrenti gie mitlub jaghmel xi "incriminating statements" .

"Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-intimat din il-Qorti tqis li permezz ta' dawn il-proceduri, r-rikorrenti kien ipprevalixxa ruhu legittimament minn procedura sabiex jitlob li jinghata protezzjoni u rimedju propizju ghal dak illi haseb li kien dritt tieghu. Dan ma jistghax jitqies bhala abbuz tal-proceduri legali."

**<u>L-Appell</u>**

6. Ir-rikorrent qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni hazina tad-dritt ghal smigh xieraq, stante li huwa palezi li una volta persuna titressaq il-Qorti, l-istess persuna ghandha d-dritt ghal silenzju totali.

7. Minn naha tieghu l-intimat iwiegeb illi Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet gravi jew meta d-diskrezzjoni taghha tkun giet ezercitata manifestament hazin. Jghid ukoll illi l-ordni in kwistjoni mhijex leziva tad-dritt tar-rikorrent protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-Aggravju**

8. Ir-rikorrent jilmenta illi l-ewwel Qorti "ghamlet apprezzament hazin tad-dritt" jew, ahjar tat interpretazzjoni hazina tal-kuncett ta' dan id-dritt ghall-fattispecje tal-kaz in kwistjoni. Jissottometti, fost affarijiet ohra, li d-dritt ghas-silenzju jinferixxi zewg konsiderazzjonijiet ta' natura guridika: l-aspett guridiku li huwa l-jedd tal-akkuzat li ma jinkriminax ruhu u, il-jedd tal-akkuzat li ma jigix imgieghel iforni evidenza lill-istess Qorti. Jghid li skont il-ligi huwa ghandu d-dritt li jibqa' passiv tul il-proceduri kollha. Jidher car, skont l-intimat, li l-ewwel Qorti illimitat l-apprezzament tal-vertenza biss ghall-ewwel konsiderazzjoni guridika u, dwar it-tieni fattur, li l-imputat ma jistax jigi mgieghel jipproduci evidenza ghall-prosekuzzjoni, l-ewwel Qorti, ma qalet xejn.

9. Ir-rikorrent jghid li l-ewwel Qorti strahet fuq zewg sentenzi citati mill-kontro-parti, li huma **Jalloh v. Germany** u **P.G. and J.H. v. The United Kingdom**. Jissottometti li l-ewwel kaz kien jitratta dwar l-uzu sforzat ta' medicinali waqt investigazzjoni sabiex persuna tirregurgita sustanza narkotika allegatament ingestita; dan sar waqt il-kors ta' investigazzjoni u mhux quddiem il-Qorti fejn jinghataw drittijiet u salvagwardji marbuta ma' smiegh xieraq li mhux necessarjament jezistu waqt il-kors ta' investigazzjoni. Jghid li f'dak il-kaz il-Qorti Ewropea

kienet ikkummentat "b'mod legger hafna" dwar il-kwistjoni u dan peress il-mertu tal-vertenza li kellha quddiemha ma kinex jinvolvi t-tehid ta' kampjuni tal-vuci.

10. Jghid li t-tieni kaz ma ghandux rilevanza stante li dan kien jitratta dwar *covert action* fejn il-vuci tal-indagat ittiehdet bil-mohbi u kienu qeghdin jaghmlu uzu minnu tul il-kors tal-investigazzjoni. Jghid li hadd ma huwa qed jghid li l-prosekuzzjoni ma ghandhiex dritt taghmel komparazzjoni ta' kampjuni li hija gja jkollha fil-pussess taghha, izda l-vertenza odjerna tmur oltre u titratta jekk akkuzat quddiem Qorti jistax jigi mgieghel jaghti kampjun tal-vuci minghajr ma jinkorri fi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

11. Ir-rikorrent jissottometti wkoll li lanqas ma jaqbel mal-interpretazzjoni analitika li tat l-ewwel Qorti tal-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali ghax huwa principju kardinali tad-dritt penali li l-ligijiet kriminali ghandhom jigu interpretati b'mod restrittiv u dejjem favorevolment ghall-akkuzat u mhux vici versa. *Quod lex voluit lex dixit* – li kieku l-legislatur ried illi l-Qorti jkollha fakolta` tordna li jittiehed kampjun tal-vuci, allura l-ligi kienet tghid dan espressament. Jghid li indubbjament akkuzat ghandu d-dritt li ma jikkooperax mal-prosekuzzjoni, dritt li johrog mid-dritt ghas-silenzju u ghalhekk dak li ordnatlu jaghmel l-ewwel Qorti jilledilu d-dritt tieghu protett fl-artikolu konvenzjonali fuq citat.

12. Fir-risposta tal-appell tieghu ipprezentata fil-11 ta’ Awwissu 2015, l-intimat iwiegeb, b’referenza ghall-gurisprudenza patria, illi qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet gravi jew meta d-diskrezzjoni taghha tkun giet ezercitata manifestament hazin. Jghid li l-qorti ta’ revizjoni ma tistax terga` tidhol fuq il-valutazzjoni tal-provi li saret mill-ewwel Qorti ghal ragunijiet superluwi u kapriccozament.

13. Dwar il-meritu jghid, fost affarijiet ohra, illi fis-sentenza appellata ma hemm ebda zball grossolan li jirrikjedi lil din il-Qorti tagixxi b’mod eccezzjonali u straordinarju billi tbiddel is-sentenza appellata u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

14. Jghid li l-ewwel Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni hazina tad-dritt u skont l-Artikolu 397 (1) tal-Kap 9 il-Qorti Struttorja tista` tordna kull hag’ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi fil-proceduri kriminali tkun kompluta minn kollox, ghalhekk inkluz ukoll il-fakolta` li tordna li jittiehdu kampjuni tal-vuci. Dak l-artikolu mhuwiex esklussiv izda inklussiv u inoltre minn imkien ma jirrizulta fil-ligi li kampjuni tal-vuci ma jistghux jittiehdu.

15. L-intimat jghid ukoll li l-ordni sabiex jittiehed kampjun tal-vuci ma

huwiex leziv tad-drittijiet tar-rikorrent u l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha u segwiet principji internazzjonali. Huwa jiccita kazistika tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti dwar il-Hames Emenda tal-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti, li tipprovdi illi l-privilegg li persuna ma tigix imgieghla li tinkrimina lilha nnifisha huwa limitat ghal evidenza *'of a testimonial or communicative nature'.* Jaghmel referenza partikolari ghal zewg kazijiet li nqatghu minn dik il-Qorti u jiccita brani minnhom, dawn huma **US v. Wade**[1] u **US v. Dionisio**[2].

16. Jikkwota wkoll il-kaz **Jalloh v. Germany**, fejn il-Qorti ta' Strasburgu specifikament eskludiet mill-parametri tal-Artikolu 6 materjal akkwistat mill-prosekuzzjoni u li ghandu ezistenza indipendenti mill-volonta` tal-akkuzat, bhal ma huma fost ohrajn, xaghar, demm u anke kampjun tal-vuci. Jghid li ghalhekk l-interpretazzjoni letterali u ristrettiva tad-dritt li wiehed jibqa' sieket hija manifestament zbaljata. Jikkwota wkoll il-kaz **P.G. and J.H. v. The United Kingdom** fejn il-Qorti Ewropea specifikament iddecidiet illi kampjuni tal-vuci li ma jikkontjenux xhieda inkriminanti ma humiex protetti mill-privilegg.

17. L-intimat jghid li r-rikorrent ma gie b'ebda mod ordnat jaghmel *'incriminating statements'* izda biss jaghti kampjun tal-vuci, sabiex l-espert indipendenti nominat mill-Qorti jaghmel *'comparison mat-*

---

[1]338 US 218 [1967].
[2]410 US 1 [1073].

*telefonati pprezentati'* quddiem il-Qorti.

18. Jispicca billi jghid li dawn il-proceduri huma ntizi sabiex itawwlu l-proceduri kriminali kontra tieghu u ghalhekk l-appellant qieghed jabbuza minn din il-procedura straordinarja kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Jibda biex jigi senjalat li in tema legali u fuq livell Ewropew, id-dritt ghal smigh xieraq kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jinkludix espressament id-dritt li persuna ma tinkriminax ruhha jew id-dritt ghas-silenzju, izda dawn id-drittijiet korollari gew identifikati u meqjusa mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea bhala li jaqghu taht il-kappa tal-Artikolu 6.

20. Ir-rikorrent isostni illi d-dritt tas-silenzju jew id-dritt li persuna ma tinkriminax ruhha huwa wiehed letterali, jew ahjar, id-dritt ghal silenzju assolut. B'din l-interpretazzjoni, it-tehid ta' *voice sample*, ghalkemm ma huwiex tehid forzuz ta' dokumentazzjoni jew testimonjanza, xorta wahda jilledi d-dritt tar-rikorrent ghas-silenzju u ghalhekk ghal smiegh xieraq.

21. Min-naha l-ohra, l-intimat jissottometti illi interpretazzjoni letterali

tad-dritt tas-silenzju hija zbaljata. Skont hu, id-dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu ma jfissirx li ma jistax jaghti kampjun tal-vuci, imma jfisser li ma jistax jigi imgieghel jaghmel stqarrijiet inkriminanti ghalih.

22. Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' natura guridika tal-vertenza in dizamina b'referenza ghall-kazistika barranija u dik Eworpeja.

23. Ta' siwi hija l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti fil-kaz **US v. Holt** dwar dak li hu ammissibbli fil-gbir tal-provi taht-il-Hames Emenda ghal-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti illi toffri protezzjoni lil persuna milli tigi sfurzata tixhed kontriha stess waqt proceduri kriminali. Gie osservat pero` li il-protezzjoni ma tghoddx ghal provi dwar il-karatteristici fizici tal-akkuzat. F'dik is-sentenza, il-Qorti Suprema spjegat:

> '...the prohibition of compelling a man in a criminal court to be witness against himself is a prohibition of the use of physical or moral compulsion to extort communications from him, not an exclusion of his body as evidence when it may be material.'[3]

24. Dan ifisser li provi bhal ma huma impronti digitali, ritratti, qisien tal-gisem, kampjuni tal-iskrittura u kampjuni tal-vuci jew tad-demm ma jaqghux taht il-kappa tal-Hames Emenda. Kampjun tal-iskrittura jew tal-vuci li ma jkollu ebda kontenut inkriminanti hija karatteristika fizika li ma

[3]**Holt v. United States**, 218 U.S. 245 (1910). Sottolinear ta' din il-Qorti.

taqax taht il-protezzjoni tal-imsemmija Emenda.

25. Fil-kaz **US v. Wade** citat mill-intimat il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni opportuna ghal kaz in ezami:

> “Compelling the accused merely to exhibit his person for observation by a prosecution witness prior to trial involves no compulsion of the accused to give evidence having testimonial significance ... It is compulsion of the accused to exhibit his physical characteristics, not compulsion to disclose any knowkdge he might have. It is not different from compelling Schmerber to provide a blood sample ... and ... is not within the cover of the privelege. Similarly, compelling Wade to speak within hearing distance of the witnesses, even to utter words purportedly uttered by the robber, was not compulsion to utter statements of a ‘testimonial’ nature; he was required to use his voice as an identifying physical characteristic, not to speak his guilt. .. None of these activities becomes testimonial within the scope of the privelege [against self incrimination]... "

26. Ukoll fil-kaz aktar ricenti **US v. Dionisio** gie osservat li

> “The compelled production of the voice exemplars would not violate the Fifth Amendment privilege against compulsory self-incrimination, since they were to be used only for identification purposes, and not for the testimonial or communicative content of the utterances”.

27. Dwar in-natura tal-kampjuni tal-vuci gie osservat li:

> “The physical characteristics of a person’s voice, its tone and manner, as opposed to the content of a specific conversation, are constantly exposed to the public. Like a man’s facial characteristics, or handwriting, his voice is repeatedly produced for others to hear. No person can have a reasonable expectation that others will not know the sound of his voice, any more than he can reasonably expect that his face will be a mystery to the world.
>
> As the Court of Appeals for the Second Circuit stated: ‘Except for the rare recluse who chooses to live his life in complete solitude, in our daily lives we constantly speak and write, and while the content of a communication is entitled to Fourth Amendment protection . . . the

> underlying identifying characteristics - the constant factor throughout both public and private communications - are open for all to see or hear. There is no basis for constructing a wall of privacy against the grand jury which does not exist in casual contacts with strangers. Hence no intrusion into an individual's privacy results from compelled execution of handwriting or voice exemplars; nothing is being exposed to the grand jury that has not previously been exposed to the public at large.[4]

28. Gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropea wkoll tadotta hsieb simili hafna ghal dak tal-Qorti Suprema Amerikana f'dak li jirrigwarda l-kompatibilita` ta' tehid ta' kampjuni mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Rigward l-interpretazzjoni tar-rikorrent dwar id-dritt ta 'persuna akkuzata li tibqa' siekta, issir referenza partikolari ghas-sentenza **O'Halloran and Francis[5] v. UK**, li permezz taghha l-Qorti Ewropea enuncjat il-principju li d-drittijiet li johorgu mill-Artikolu 6 u, senjatament ghall-kaz odjern, id-dritt li wiehed jibqa' sieket u l-privilegg li persuna ma tigix imgieghla tinkrimina ruhha ma humiex assoluti[6]. F'dak il-kaz gie osservat li:

> 'While the Court's case-law has rarely implied that the right to a fair trial under Article 6 is an unqualified right, the Court's actual approach – at least under the heading of the right to silence – is more qualified, usually requiring a test to establish whether or not the essence of the right was infringed upon. Under this essence of the right analysis, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but depends to a certain extent on the circumstances of the particular case. As a result, at times it involves a *sui generis* proportionality test, especially in relation to minor offences, to justify a finding of no violation of Article 6 (O'Halloran and Francis).

[4]"**United States v. Doe (Schwartz)**, 457-See more at: http://caselaw.findlaw.com/us-supreme-court/410/1.html#sthash.Ul2wSH9G.dpuf.

[5]ECHR Applic 15809/02, 25624/02, 29 June 2007.

[6]L-awtrici Karen Read fir-rigward u b' referenza ghall-kaz ta'John Murry v United Kingdom [ECHR deciz 2 ta' Frar 1996] tghid: "the Court held that the right to silence was not absolute and, while it might be incompatible to base a conviction solely or mainly on an accused'silence or on a refusal to answer questions, it was equally obvious that the privilege did not prevent an accused'silence being taken into account in situations which clearly called for an explanation".

> This essence of the right test employs three main criteria to establish whether the coercion or oppression of the will of the accused is permissible under Article 6: a) nature and degree of compulsion used to obtain the evidence; b) weight of the public interest in the investigation and punishment of the offence at issue; c) existence of any relevant safeguards in the procedure, and the use to which any material so obtained is put (Jalloh,§117).'[7]
>
> 'A certain degree of physical compulsion may be allowed by Article 6 to extract material, or "real" evidence, where that evidence has existence independent of the will of the accused[8] – such as breath, urine, finger, voice, hair, tissue samples for DNA purposes – but not to extract a confession or documentary evidence nor to extract material evidence by sufficiently serious intrusion into the physical autonomy of the accused (Jalloh, §§103-123).'[9]

29. F'analizi dwar il-gurisprudenza Ewropea fir-rigward l-attrici **Karen Reid** tikkummenta hekk:

> '…. The right not to incriminate onself does not generally extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused under compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect [eg. documents or material produced by the normal functioning of the body such as breath, blood, hair, tissue or voice samples]. Where obtaining the material goes beyond the mere passive endurance of a minor interference with bodily integrity, a problem may arise as in *Jalloh v Germany* where an emetic was forcibly administered to induce the regurgitation of swallowed drugs."[10]

30. Fid-dawl ta' dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati, sabiex ir-rikorrent jissottometti ruhu ghal tehid ta' kampjun tal-vuci tieghu ma huwiex leziv la tad-dritt tieghu ghas-silenzju u lanqas ghad-dritt tieghu li ma jigix imgieghel li

---

[7]Dovydas Vitkauskas & Grigoriy Dikov, ***Protecting the Right to a Fair Trial under the European Convention on Human Rights***, Council of Europe Human Rights Handbooks, Strasbourg, 2012, Pg 62.
[8] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[9]Ibid Pg 67 Sottolinear tal-Qorti.
[10] A Practitioner's Guide to The European Convention of Human Rights – 4th Edition [2011] – pg.250.

jinkrimina ruhu u ghalhekk ma huwiex leziv tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

31. Dan jinghad ukoll fl-isfond tal-konsiderazzjoni illi l-ordni tal-Qorti inghatat abbazi tal-Artikolu 397 (1) tal-Kap. 9, li jipprovdi specifikament illi l-Qorti ghandha l-jedd li tordna "*it-tehid ta' xi kampjun u kull mizura jew haga ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox*". It-tehid tal-kampjun tal-vuci jaqa' proprju taht il-kappa ta' dan l-Artikolu li ghalhekk jikkostitwixxi l-bazi legali tieghu fil-ligi domestika.

32. Jigi senjalat li l-iskop tal-uzu tal-kampjun mill-Qorti tal-Magistrati mhuwiex li jsir uzu mill-kontenut tieghu izda sabiex issir komparazzjoni tal-<u>karetteristiki fiziki</u> tal-vuci tal-akkuzat mal-vuci li tinstema' f'diversi telefonati mertu tal-proceduri kriminali. Ir-rikorrent f'ebda hin ma gie sfurzat jaghti stqarrijiet inkriminanti, u l-ordni tat-tehid tal-kampjun tal-vuci kien inghata biss ghall-iskop li jsir paragun ta' dak il-kampjun ma' kampjuni ta' vuci ohra. Ghalhekk dan it-tehid ma jistax jinghad li huwa vjolattiv tal-artikoli Konvenzjonali u Kostituzzjonali in ezami.

33. Dwar l-osservazzjoni maghmula mir-rikorrent li l-Qorti Ewropea fil-kaz ***Jalloh*** "ikkummentat biss b'mod legger hafna" dwar it-tehid ta' kampjuni tal-vuci, din il-Qorti tosserva li dan mhu minnu xejn. Il-fatt li dik il-Qorti deherilha li sabiex tispjega u tillustra l-principju enuncjat minnha dwar materjal miksub b'mod indipendenti mill-volonta` ta' persuna

suspettata kellha tati ezempji specifici ta' kazijiet, fosthom it-tehid ta' kampjuni tal-vuci, li ma jmorrux kontra d-dispost tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'ghandux iwassal ghall-konkluzjoni li l-materja tat-tehid ta' kampjuni ta' dan it-tip giet trattata "leggerment". Anzi pjuttost il-kuntrarju, dik il-Qorti ghamlitha cara li fl-ezempji minnha citati, li mhumiex ezawrjenti, m'hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

34. Fl-ahharnett, din il-Qorti tosserva li l-punt sottomess mill-intimat rigwardanti l-funzjoni ta' din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni huwa irrelevanti u superfluwu ghal kaz odjern, stante li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar xi apprezzament ta' prova maghmula mill-ewwel Qorti.

35. Ghaldaqstant l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df